MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2013

Numru. 1351/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR ROBERT VELLA**

**VS**

**ANTHONY TANTI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Anthony Tanti, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 772755 (M).

**Akkuzat talli:**

1. Fit-30 ta` Ottubru 2010 ghall-habta tas-saghtejn u kwart ta` wara nofsinhar, 14:15hrs, gewwa dawn il-gzejjer bil-hsieb li jikkaguna feriti ta` natura gravi fuq il-persuna ta` Charlie (Carmelo) Saliba wera dan il-hsieb billi b'atti esterni ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt permezz ta` arma irregolari u cioe` frostin taz-zwiemel u oggett iehor iebes u kif ukoll billi saq vettura BBR 496 fid-direzzjoni tal-imsemmi Charlie (Carmelo) Saliba, u li liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu u dan bi ksur ta` l-Artikoli 41 (1) (a), 64, 214, 216, tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe` vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAV 765 ghad-dannu ta` Charlie (Carmelo) Saliba liema hsara taccedi mija u sittax ewro u sebgha u erbghin ewro centezmu (€116.47) izda ma tiskorrix l-elf mija erbgha u sittin ewro u disgha u sittin ewro centezmu (€1,164.69) u dan bi ksur ta` l-Artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, hebb ghal Charlie (Carmelo) Saliba u kkagunalu griehi ta` natura hafifa hekk kif certifikat minn Dr. Satya Brata Das, MD (Med. Reg. No. 2141) u dan bi ksur ta` l-Artikolu 221 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

4. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi ghamel lil haddiehor ingurji jew theddid mhux imsemmija band' ohra f'dan il-kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti u dan bi ksur tal-Artikolu 339 (e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

5. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi kiser il-kwiet u l-buon ordni pubblika b'ghajjat u glied u dan bi ksur ta` l-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

6. U aktar talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'dawn il-gzejjer saq vettura b'numru tar-registrazzjoni BBR 496, b'manjiera perikoluza, bla kont u traskurata u

dan bi ksur tal-Artikolu 15 (1) (a) (2), 18 (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta;

7. U aktar talli, fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, f’dawn il-Gzejjer saq vettura b’numru tar-registrazzjoni BBR 496 meta ma kienx kopert b’polza ta` sigurta` dwar terzi persuni, u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta` Malta.

Ghaldaqstant il-Qorti giet gentilment mitluba li f’kaz ta` htija tissospendi lil Anthony Tanti milli jzomm kwalunkwe xorta ta` licenzja tas-sewqan ghal dak iz-zmien li jidrilha xieraq l-istess Onorabbli Qorti.

Il-Qorti giet gentilment mitluba ukoll sabiex f’kaz ta` htija tipprovdi ghas-sigurta` ta` Charlie (Carmelo) Saliba billi tapplika l-provvedimenti ta` Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f’kaz ta` htija tqis lill-imputat bhala li sar recediv ai termini ta` l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta wara li kien misjub hati ta` diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti rat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa u l-provi prodotta;

Rat il-Fedina Penali ta` l-imsemmi Anthony Tanti;

Wara li rat l-Artikoli 41 (1) (a), 64, 214, 216, 325 (b), 221 (1), 339 (e), 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikolu 15 (1) (a) (2), 18 (2) tal-Kapitolu 65 u l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta` Malta.

Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Dan huwa kaz illi jikkoncerna incident meta, fit-30 ta` Ottubru, 2010, l-imputat hebb ghal certu Carmelo Saliba billi wara li ghalqu bil-karozza u qabad itieh bi frostin taz-zwiemel tant li kkagunalu feriti ta` natura hafifa. Ghamel hsarat ukoll lill-vettura ta` Saliba.

Illi wiehed ghandu l-ewwel jara dak li qal il-vittma ta` dan l-incident Carmel Saliba a fol 42 tal-process fejn l-istess Saliba qieghed jirrinunzja dak kollu li huwa rinunzjabbli. Minhabba din il-mahfra u din ir-rinunzja ghalhekk, l-akkuzi numru 3 u 4 ghandhom jaqaw minnufih. Taqa` ukoll l-akkuza numru 2 stante minhabba l-fatt illi l-imputat ukoll hallas ghal dawn l-ispejjez minn butu. Taqa` fis-sens illi ma fadalx interess f'dina l-akkuza u l-Qorti lesta tiehu in konsiderazzjoni dan il-hlas meta hija tghaddi ghall-piena.

Illi wiehed ukoll ghandu jara l-konkluzzjoni tal-Avukat Difensur fit-Trattazzjoni tieghu li saret fil-25 ta` Settembru, 2012, fejn huwa qieghed jammetti l-ksur tal-paci pubblika meta sehh dan l-incident. Ta` din l-akkuza din il-Qorti qed issib lill-imputat hati.

Illi mix-xhieda kollha prodotta matul l-iter ta` din il-kawza, jirrizulta sodisfacentement u oltre` kull dubju, l-imputat Anthony Tanti qabad frostin taz-zwiemel u beda jsawwat bih lil Carmelo Saliba kif ukoll, qabel dan l-incident, Tanti saq il-vettura tieghu BBR-496 fid-direzzjoni ta` Carmelo Saliba. Dina l-Qorti tista` tiddikjara li d-difiza ma gabet l-ebda prova in kuntrarju. Ma jidhirx, pero, illi saq il-vettura tieghu lejn Carmelo Saliba b'manjiera aggressiva jew perikoluza.

Illli, rigward l-akkuza numru 6 u cioe` l-akkuza ta` sewqan perikoluz, bla kont u traskurat, din ma tirrizultax. Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi sempliciment , iltaqghu l-karozzi tal-imputat u ta` Saliba, wahda kontra l-ohra u waqfu lil xulxin fit-triq biex jargumentaw fuq din il-kwistjoni taz-zwiemel. Jigifieri ma kienx il-kaz li wiehed jigri wara l-iehor u ghalaqlu l-vija biex ma jghaddix. Ma kienx hemm il-passjoni tal-mument!

Illi, ghalhekk, tibqa` l-ahhar akkuza u cioe` dik talli , fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq il-vettura b'numru ta` registrazzjoni BBR-496 meta ma kienx kopert b'polza ta` sigurta` dwar terzi persuni u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104. Wiehed ghandu jghid li l-imputat huwa *licenced car dealer* u li f'din il-professjoni tieghu huwa ghandu d-dritt illi tigi assenjata lilu *Trial Run Plate*, kif fil-fatt kienet, sabiex din tigi wzata minnu izda dan biss:

1. Waqt li l-vetturi ghall-bejgh ikunu qed jinstaqu fil-garaxx jew mill-fabbrika jew minn kull post fejn ikunu sal-post fejn ser jinzammu. Dawn il-vetturi mbghad tinhargilhom licenzja;

2. Ghal vetturi bil-mutur fil-kustodja ta`negozjant, vettura bil-mutur ghall-skop ta` bejgh jew vetturi bil-mutur mixtrija minn negozjant li l-licenzja tkun inghalqet.

Illi l-imputat Anthony Tanti huwa negozjant tal-karozzi uzati u l-vettura li uza dak in-nhar, li kien nhar ta` Sibt, kienet vettura tal-marka KIA bin-numru tar-registrazzjoni BBR-496 li kienet fil-kustodja tieghu sabiex tinbiegh lill-terzi. Dan l-incident gara vicin ferm il-garaxx minn fejn huwa jipprattika l-professjoni tieghu u l-gurnata li fih gara l-incident kienet gurnata tax-xoghol normali tieghu.

Illi l-prosekuzzjoni tellghet il-provi li, fil-hin tal-incident, it-*Trial Plates* ma kienux imwahhlin fuq quddiem u fuq wara tal-vettura misjuqa mill-imputat u, ghalhekk, waqt illi huma ma jikkontestawx il-fatt illi dawn it-*Trial Plates* kienu gew

ikkonsenjati lill-imputat minhabba n-natura tal-attivita` kummercjali tieghu, jesigu li dawn il-*plates* ikunu mwahhlin fizikament mal-vettura li tkun qed tigi wzata.

Illi l-imputat ukoll isemmi dawn il-*plates* fl-istqarrija tieghu fejn jezigi li huwa kien kopert minn polza valida ta` assikurazzjoni meta sehh dan l-incident stante li huwa kien assenjat dawn it-*Trial Plates* mill-awtoritajiet koncernati. Fil-fatt, Stephen Cachia xhud in rapprezentanza tat-Transport Malta, jixhed illi meta jkun hemm fillira ta` karozzi bla licenzja li qiedghin ikunu jinsaqu flimkien minn jew lejn post, huwa bizzejjed li tpoggi *Trial Plate* wahda quddiem u l-ohra wara. B'dan il-mod , il-karozzi kollha ser ikunu koperti b'polza ta` assikurazzjoni valida, anke dawk li m'ghandhomx *plate* fuqhom.

L-interpretazzjoni li wiehed ghandu johrog minn dan il-fatt huwa li l-iktar haga importanti hija l-ezistenza ta` din il-*plate* lill-bniedem awtorizzat u mhux l-ezistenza fizika tal-*plate* fuq il-vettura li hija suppost tipproteggi. Mal-harga ta` dina t-*Trial Plate*, kull vettura fil-kustodja tal-*licencee* minhabba n-natura tal-attivita` kummercjali tieghu hija koperta b'polza ta` assikurazzjoni valida. L-importanza hija li verament tezisti din il-*plate* u li hija registrata f'isem ta` persuna kompetenti minhabba n-natura tal-attivita` kummercjali tieghu. L-ezistenza ta` tali *plate* tassigura li kull vettura li qiedghha f'idejn dik il-persuna hekk awtorizzata, ser tkun koperta minn dik il-*plate* affinche` din tigi regolarment irregistrata u licenzjata.

Illi, ghalhekk, ghal din il-Qorti, anke jekk, ghall-grazzja tal-argument, il-Prosekuzzjoni ghandha ragun u l-vettura ma kellhiex imwahhla maghha it-*Trial Plates* sotto diskussjoni, il-haga essenzjali hija l-assenjazzjoni ta` *Trial Plates* awtentici lill-bniedem illi, min-natura tal-attivita` kummercjali tieghu, huwa intitolat ghalihom. B'hekk, anke jekk dan il-bniedem izomm dawn il-*plates* gewwa l-garaxx tieghu, il-vetturi kollha li jinstabu taht il-pussess tieghu per

natura tax-xoghol tieghu huma koperti mil-Ligi purche li dawk il-vetturi qiedghin jigu wzati skond kif, fil-fatt, dik il-persuna hija awtorizzata li tuzhom. Ghal dawn il-motivi dina l-Qorti qed tillibera lill-imputat minn din l-akkuza.

Fuq l-ewwel imputazzjoni din il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Fuq it-tieni imputazzjoni din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat kien hallas ghall-ispejjez kagunati minnu minn butu u ghalhekk din l-akkuza kienet taqa` fis-sens li ma kienx fadal aktar interess f'din l-akkuza. Issibu hati ta` dina l-akkuza pero ser tiehu l-hlas tal-ispejjez mill-imputat in konsiderazzjoni meta hija ser tinfliggi piena.

Rigwardanti t-tielet u r-raba` akkuza kien jirrizulta li Carmelo Saliba kien irrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli, u kien ukoll hafer lill-imputat, u ghaldaqstant dawn l-akkuzi kienu qed jaqghu minnufih.

Illi fir-rigward tal-hames akkuza din il-Qorti ssib lill-imputat hat ital-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Illi rigwardanti s-sitta u s-seba` akkuza din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, u minnhom tilliberah.

Il-Qorti wara li rat l-atti kollha, innutat li r-ricediva kienet giet ipprovata, tikkundanna lill-imputat skond l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta ghal tmintax-il (18) xahar.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------